MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1509/1994/1

**Emanuel u Pauline konjugi Spiteri**

**vs**

**Direttur ghal-Akkomodazzjoni Socjali**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew :-

Illi huma kienu l-inkwilini tal-appartament numru 8, Blokk B3, Qasam tad-Djar, Ta' Xbiex, liema flat kien gie lilhom allokat snin ilu mill-konvenut;

Illi fil-bidu ta’ Marzu 1994 meta l-attur Emanuel Spiteri mar fl-appartament tieghu huwa sab li s-serretura tal-bieb ta’ barra kienet giet mibdula u sostitwita b’katnazz biex sussegwentament gie wkoll mgharraf mill-konvenut illi huwa kien gie zgumbrat mill-appartament bil-familja b’kollox u ghamara u oggetti personali taghhom kienu gew imnehhija mill-istess fond fuq ordni tal-istess konvenut;

Illi l-atturi talbu lill-konvenut sabiex jew jirritornalhom l-oggetti taghhom jew jikkumpensahom ghad-danni li huwa kien ikkagunalhom meta ipprivahom mill-istess ghamara, hwejjeg, flejjes, oggetti tad-deheb, dokumenti u affarijiet personali taghhom, pero’ l-konvenut baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex :

1 Tiddikjara u tiddecidi li l-konvenut responsabbli ghad-danni kkawzati lill-atturi meta bl-ordni tieghu gew imnehhija l-ghamara, l-oggetti u l-affarijiet u cioe’ 8, Block B2 Qasam tad-Djar, Ta’Xbiex, bi hsara ghall-istess atturi billi sal-lum il-konvenut baqa’ ma tahomx lura l-istess oggetti taghhom u lanqas ikkumpensahom ghad-danni li huma garrbu;

2 Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bit-telfa tal-oggetti taghhom imsemmija; u

3 Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dawk id-danni li jkunu likwidati;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tat-3 ta’ Marzu, tat-8 ta’ April, tat-3 ta’ Gunju, tal-14 ta’ Lulju, tat-22 ta’ Awissu 1994 u tal-protest ufficcjali pprezentat fis-26 ta’ Settembru 1994, kollha kontra l-konvenut li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi assolutament mhuwiex minnu li l-atturi vvakaw il-fond in kwistjoni xi ftit granet ma nbidlet is-serratura tal-bieb. Il-fond kien ilu battal almenu sa minn Lulju ta’ 1-1993;

2. Illi meta ngarru l-effetti li kien hemm gewwa, kull ma kien hemm kienu biss xi effetti zghar u personali, kollha mkissrin u inutili, u ta’ ebda valur;

3. Illi huwa sintomatiku li l-atturi lanqas biss iridu jizvelaw fejn attwalment qeghdin jirrisjedu, u dan jirrifletti negattivament fuq il-veracita’ o meno tat-tezi taghhom li huma gew spussessati mir-residenti taghhom u mill-effeti mobili ta’ l-entita’ u valur li huma jallegaw;

Rat id-dikjarazzjoni al-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-attur u lix-xhieda prodotti mill-atturi;

Rat il-lista presentata mill-atturi fejn gew elenkati l-oggetti mobbli li allegatament tnehhew mill-appartament in kwestjoni;

Rat l-affidavit tal-attrici Pauline Spiteri u dak ta’ Dottor Frank Cassar presentat mill-atturi;

Semghet lix-xhieda prodotti mill-konvenut;

Semghet it-trattazzjoninorali tad-difensur tal-konvenut;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet diofferita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-atturi jippremettu li huma kienu l-inkwilini tal-appartament numru 8, Blokk B3, Qasam tad-Djar, Ta’ Xbiex, liema flat kien gie lilhom allokat snin ilu mill-konvenut. L-atturi jkomplu jippremettu li fil-bidu ta’ Marzu

1994 sabu li s-serretura tal-bieb ta' barra tal-imsemmi appartament kienet giet mibdula u sostitwita b'katnazz u sussegwentament gew mgharfa li huma kienu gew zgumbrati mill-istess appartament u l-ghamara u oggetti personali taghhom kienu gew imnehhija mill-istess fond fuq ordni tal-istess konvenut. L-atturi jippretendu li l-konvenut ghandu jirritornalhom l-oggetti taghhom li kienu fl-imsemmi appartament jew jikkumpensahom ghad-danni li huwa kkagunalhom meta ipprivahom mill-istess oggetti;

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li l-konvenut Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kkawzati lill-atturi meta bl-ordni tieghu gew imnehhija l-ghamara, l-oggetti u l-affarijiet ohra mill-imsemmi appartament u dana bi hsara ghall-istess atturi billi sal-lum il-konvenut baqa' ma tahomx lura l-istess oggetti u lanqas ikkumpensahom ghad-danni li huma garrbu. L-atturi qed jitolbu ukoll li jigu likwidati dawn id-danni sofferti mill-atturi bit-telfa tal-imsemmija oggetti taghhom u li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-atturi dawk id-danni hekk likwidati;

Il-konvenut qed jeccepixxi li mhuwiex minnu li l-atturi vvakaw il-fond in kwistjoni xi ftit granet ma nbidlet is-serratura tal-bieb. Skond il-konvenut il-fond kien ilu battal almenu sa minn Lulju ta' l-1993. Jeccepixxi ukoll li meta ngarru l-effetti li kien hemm gewwa, kull ma kien hemm kienu biss xi effetti zghar u personali, kollha mkissrin u inutili, u ta' ebda valur. Il-konvenut ikompli jeccepixxi li hu sintomatiku li l-atturi lanqas biss iridu jizvelaw fejn attwalment qeghdin jirrisjedu, u dan jirrifletti negattivament fuq il-veracita' o meno tat-tezi taghhom li huma gew spussessati mir-residenza taghhom u mill-effeti mobili ta' l-entita' u valur li huma jallegaw;

Irid jinghad li mill-provi prodotti jirrizulta li kien hemm nuqqas minn naha tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Socjali, u dan in-nuqqas jirizulta ukoll minn dak li qal l-ex Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali, fis-sens li ma kienx hemm "eviction" skond il-procedura normali u ma gietx segwita il-procedura normali ta' l-eviction order;

Jirrizulta li l-atturi ma rcevewx komunikazzjoni mid-dipartiment tad-djar fejn intalbu sabiex jirritornaw ic-cweivet, jew xi avviz li nfurmahom li kienu qieghdin jigu zgumbrati. Bl-istess mod, cioe' minghajr avviz, id-dipartiment alloka l-post lill-inkwilini ohrajn. Hu normali li sabiex isir zgumbrament il-konvenut ghandu jaghti l-opportunita lil sid l-affarijiet li jirtira hwejjgu. Haga li ma jirrizultax li saret f'dan il-kaz;

Wara li gie stabbilit il-premess ghandu jinghad, pero', li l-atturi naqsu li jipprovaw li huma garrbu xi danni minhabba l-operat tal-konvenut. Difatti jirizulta li l-atturi kienu ilhom neqsin mill-post n kwestjoni ghal zmien relattivament twil sakhemm sar l'hekk imsejjah zgombrament. L-attur stess jghid li huwa kien hareg mill-appartament in kwestjoni u mar joqod f'post iehor, xi sitt xhur qabel ma sab l-istess post ta' Tax-Xbiex maghluq b'katnazz. B'mod aktar specifiku l-attur ikkonferma li huwa hareg mill-post in kwestjoni u garr ghall post iehor f'Awissu 1993 u kkonferma li kien sab il-bieb tal-post ta' Tax-Xbiex maghluq bil-katnazz f'Marzu 1994. L-attrici stess ukoll tikkonferma li huma marru jghixu l-Iklin fis-sajf tan-1993. Ghalhekk jirrizulta li l-atturi kienu ghamlu zmien relattivament twil ma joqoghdux fil-fond ta' Tax-Xbiex qabel ma l-istess fond gie allokat lill-terzi;

Jirrizulta ukoll li l-kovenut hareg l-ordni ta' izgumbrament mill-appartament in kwestjoni wara li gie acertat li l-atturi ma kienx ghadhom joqoghdu fl-istess appartament. In effett l-izgumbrament sar fit-18 ta' Frar 1994 u sussegwentement id-dipartiment koncernat biddel is-serattura u saret cavetta gdida. In oltre jirrizulta li l-atturi kellhom kull opportunita li jigbru l-affarijiet li huma hallew warajhom fl-appartament in kwestjoni. In effett jirrizulta li l-atturi marru diversi drabi fl-istess appartament in kwestjoni waa li huma garrew u marru joqodu f'post iehor;

L-atturi jallegaw li huma hallew xi affarijiet warajhom fl-appartament ta' Tax-Xbiex peress li l-post ta' l-Iklin kien allegatament imbajjad bil-gir u minhabba l-istat li kienet tinstab fih id-dar fejn marru joqodu. Ghalhekk l-atturi ghazlu li ma jiehdux l-affarijiet kollha, imma huma garrew

biss l-affarijiet bzonnjuzi. Difatti jirrizulta li kienu nstabu xi oggetti fl-appartament in kwestjoni, pero jirrizulta li dawn kienu minghajr valur partikolari. It-terzi li dahlu joqodu fl-appartament in kwestjoni ikkonfermaw li ramew l-affarijiet li sabu fl-appartament, liema affarijiet kienu bla valur;

Ghalhekk jirrizulta li l-atturi kellhom bizejjed zmien biex jigbru l-affarijiet personali taghhom. F’dawn ic-cirkostanzi mhux verosimili l-allegazzjoni tal-atturi li hallew warajhom diversi oggetti li kienu ukoll ta’ certu valur. Hu aktar verosimili dak li qalu x-xhieda prodotti mill-konvenut fis-sens li l-affarijiet li thallew fl-appartament mill-atturi kienu oggetti bla valur tant li l-istess atturi ma hassewx il-bzonn li jgorruhom maghhom anke wara tant zmien li kienu telqu mill-appartament;

Ghalhekk it-talbiet attrici ma gewx sufficjentement pruvati. Id-dekors taz-zmien minn meta l-atturi ivvakkaw il-post sa’ meta sar l-izgumbrament u l-fatt li l-atturi hallew daqstant zmien minghajr ma urew l-ebda interess li jmorru ghall-istess affarijiet huma indikattivi li fl-appartament ma kienx hemm oggtti li kienu ta’ valur. L-atturi ghandhom l-obbligu li adegwatament jippruvaw it-talbiet taghhom u dan l-atturi ma rnexxilhomx jghamlu. Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-atturi

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------